Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,861, 5 ta' Novembru, 1999
Taqsima B

A.L. 187 ta' l-1999

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-1999 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1996 għall-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1996 għall-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1996 għall-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 1999 jew wara.

Emenda għar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok is-sotto paragrafu (4) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(4) Il-kandidati għandhom jagħżlu li jieħdu wieħed mill-oqsma ta' studju li ġejjin:

(a) Il-Komunikazzjoni Terapewtika
(b) Is-Saħħa Ambjentali
(ċ) Ix-Xjenza tal-Laboratorju Mediku
(d) Il-Fiżjoterapija
(e) Ir-Radjografija
(f) It-Terapija Professjonali."

4. Is-sotto paragrafu (f) li ġej għandu jidħol wara s-sotto paragrafu (e) tal-paragrafu (5) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali:

"(f) L-Għażla tat-Terapija Professjonali

(i) 87 kredtu fit-Teorija tat-Terapija Professjonali u suġġetti ta' appoġġ għax-Xjenza tat-Terapija Professjonali; u

(ii) 24 kredtu fil-Prattika tat-Terapija Professjonali Klinika."

Emenda għar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali

5. Minflok is-sotto paragrafu (1) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"7. (1) Il-komponent teoretiku tal-Kors għandu jikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom ma jingħataw anqas mill-kredti li ġejjin:

(a) Il-Komunikazzjoni Terapewtika	84 kredtu
(b) Is-Saħħa Ambjentali	87 kredtu
(ċ) Ix-Xjenza tal-Laboratorju Mediku	58 kredtu
(d) Il-Fiżjoterapija	85 kredtu
(e) Ir-Radjografija	80 kredtu,

iżda għal studenti li jidħlu skond il-provvedimenti tal-paragrafu (3) tar-regolament 4 il-komponent teoretiku

għandu jikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom mhux anqas minn 30 kredtu huma assenjati.

(f) It-Terapija Professjonali 87 kredtu."

6. Is-sotto paragrafu (iii) li ġej għandu jidħol wara s-sotto paragrafu (ii) tal-paragrafu (4) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali:

"(iii) Fl-għażla tat-Terapija Professjonali, l-istess japplika jekk il-kandidati ma jiksbux mill-anqas 90% tal-kredti fi:

L-Istudji Ġenerali
Ix-Xjenzi Applikati
L-Abiltajiet tat-Terapija Professjonali
Il-Ħidma fuq il-Post."

Emenda għar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali

7. Minflok il-paragrafi (1) u (4) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"8. (1) Il-komponent prattiku tal-Kors għandu jikkonsisti f'taqsimiet studju f'għamla ta' pjazzamenti jew ħidma fuq il-post iggwidata jew kull eżerċizzju analogu ieħor, li għalihom għandhom jingħataw kredti kif ġej:

(a) Il-Komunikazzjoni Terapewtika 12 kredtu
(b) Is-Saħħa Ambjentali 20 kredtu
(ċ) Ix-Xjenza tal-Laboratorju Mediku 45 kredtu
(d) Il-Fiżjoterapija 35 kredtu
(e) Ir-Radjografija 40 kredtu,

iżda għal studenti li jidħlu skond il-provvedimenti tal-paragrafu (3) tar-regolament 4 il-komponent prattiku għandu jikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom 11-il kredtu għandhom ikunu assenjati.

(f) It-Terapija Professjonali 24 kredti

(4) Il-kandidati ma jitħallewx joqogħdu għall-Eżami Finali Komprensiv jekk ma jiksbux għallinqas il-kredti prattiċi kif ġej:

(a) Il-Komunikazzjoni Terapewtika	12 kredtu
(b) Is-Saħħa Ambjentali	20 kredtu
(ċ) Ix-Xjenza tal-Laboratorju Mediku	45 kredtu
(d) Il-Fiżjoterapija	35 kredtu
(e) Ir-Radjografija	40 kredtu,

iżda studenti li jidħlu skond il-provvedimenti tal-paragrafu (3) tar-regolament 4 għandhom jiksbu 11-il kredtu.

(f) It-Terapija Professjonali	24 kredtu"

Emenda għar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali

8. Is-sotto paragrafu (f) li ġej għandu jidħol wara s-sotto paragrafu (e) tal-paragrafu (1) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali:

"(f) Terapija Professjonali

Karta I	It-Teorija u l-Prattika tat-Terapija Professjonali fil-*Physical Dysfunction*
Karta II	It-Teorija u l-Prattika tat-Terapija Professjonali fis-*Psychosocial Dysfunction*
Karta III	Materji Professjonali
Proġett Speċjali	Dissertazzjoni ta' mhux anqas minn 10,000 kelma dwar suġġett approvat."